MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**PACE RAYMOND C.**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 395/1998/1

**Janet Marsala**

**vs**

**James Marsala**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi il-kontendenti zzewgu fil-31 ta' Awissu 1991 fil-knisja ta' Lourdes, Gwardamangia, u minn liema zwieg twildulhom zewg ulied minuri Abigail u Anthea li ghandhom sitt (6) snin u erba' (4) snin rispettivament.

Illi l-imsemmi konvenut irrenda ruhu hati ta' swat, sevizzi, eccessi, ingurji gravi, mohqrija u inkompatibilita' ta' karattru b'rizultat li rrenda mpossibli l-hajja konjugali ta' bejniethom.

Illi l-kontendenti qed joqghodu fi Flat Numru 2, Block C, Binja Ta l-Isperanza, Ta' Zokrija, Mosta liema appartament huwa fil-pussess tal-kontendenti wara konvenju ma l-Awtorita' tad-Djar taht l-iskema ta' l-gharajjes u mizzewgin.

Illi l-konvenut mhux qieghed imantni lill-attrici martu u lill-uliedhom kif inhu obbligat li jaghmel skond il-ligi.

Illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali minn ma zewgha skond id-digriet tas-27 ta' Novembru 1997 tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili anness u immarkat dokument "A".

Illi l-attrici talbet li l-konvenut prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi jghid ghaliex din il-Qorti ma ghandiex:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali *ad mensa et thoro* bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet imputabbli ghall-konvenut.

2 Tafda il-kura u l-kustodja ta' uliedhom Abigail u Anthea f'idejn l-attrici ghall-ahjar interess tal-minuri,

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas dik ir-retta alimentari ghaliha u ghall-uliedhom minuri li tigi stabbilita minn din il-Qorti u b'dawk il-modalitajiet li jigu hekk stabbiliti,

4. Tordna li d-dar konjugali tal-kontendenti Flat Numru 2, Blokk C, Binja Ta' l-Isperanza, Ta' Zokrija, Mosta ghandha tigi okkupata esklussivament minn l-attrici w ulied il-kontendenti bhala id-dar ta' abitazzjoni taghhom a tenur ta' **artikolu 55A tal-Kodici Civili**

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-kontendenti u tillikwida l-istess komunjoni, taqsamhom f'zewg porzjonijiet ugwali bejniethom u tassenja wahda lill-attrici u wahda lill-konvenut bin-nomina okkerrendo ta' perit biex jaghmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta' qasma okkorrendo tinnomina nutar biex jircevi l-att

opportun u kuratur biex jirraprezenta l-eventwali kontumacja fuq l-att.

6. Tapplika kontra l-konvenut id-dispoizzjonijiet tal-**artikoli 40, 48, u 51 tal-Kodici Civili** u senjatament li tigi moghtija lill-istess attrici l-pjena amministrazzjoni tal-beni taghha;

7. Tordna ukoll illi l-attrici tiehu l-kunjom taghha ta' xebba biex b'hekk isir l-annotament mehtieg fir-Registru Pubbliku biex minn Marsala kunjomha jsir Micallef.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 7 tal-process;

Rat il-verbal tas-6 ta’ Mejju 1999.

Rat ir-rikors tal-attrici tad-9 t’Ottubru 1998 li gie ddegretat fil-15 ta’ Lulju 1999.

Rat il-verbal tat-13 ta’ Lulju 1999.

Rat li ghalkemm il-konvenut James Marsala gie notifikat fid-9 ta’ Awissu 1999 bl-avviz tas-smiegh tal-kawza u bic-citazzjoni attrici huwa baqa’ ma pprezenta l-ebda nota ta’ eccezzjonijiet u ghalhekk baqa’ kontumaci.

Rat ir-rikors tal-attrici datat 9 ta’ Ottubru 1998, id-Digriet ta’ din il-Qorti datat 20 ta’ April 1999 fejn laqghet l-ewwel talba tal-istess rikors, u rat id-Digriet ta’ din il-Qorti datat 15 ta’ Lulju 1999 fejn laqghet it-talba l-ohra tal-istess rikorrenti sabiex hija w uliedha minuri Abigail u Anthea jghixu esklussivament fil-flat Blokk C, Flat 2, Binja tal-Isperanza, Taz-Zokrija, Mosta bl-esklussjoni tal-istess intimat u dan pendenti l-proceduri tal-kawza ta’ separazzjoni ezistenti bejniethom.

Rat il-verbal tat-28 ta’ Jannar 2000 fejn Dr Paul Borg Olivier ghall-attrici ta ruhu b’notifikat bl-avviz tas-smiegh ghall-istess u minkejja l-kontumaci tal-konvenut il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr Greta Agius biex tigbor il-provi.

Rat il-verbal tal-15 ta’ Gunju 2000.

Rat ir-rikors tal-attrici tas-6 ta’ Jannar 2000 fejn kien gie cedut b’nota fl-14 ta’ Novembru 2000 u ghalhekk il-Qorti kienet astjeniet milli tiehu aktar konjizzjoni tieghu.

Rat il-verbali tal-14 ta’ Novembru 2000, tas-7 ta’ Frar 2001, tas-27 ta’ April 2001, tat-3 ta’ Lulju 2001, tat-30 t’Ottubru 2001, tas-7 ta’ Jannar 2002, tal-21 ta’ Marzu 2002 u tad-19 ta’ Gunju 2002 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-3 ta’ Dicembru 2002 b’dan li l-konvenut inghata erbghin gurnata zmien biex jipprezenta n-nota tal-osservazzjonijiet tieghu.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju Dr Greta Mifsud Agius.

Rat in-nota tal-attrici tad-19 ta’ Gunju 20002 fejn permezz taghha giet esebiti xi xhieda.

Rat ir-rikors tal-konvenut tat-18 ta’ Lulju 2002, ir-risposta tal-attrici ghall-istess rikors tat-13 ta’ Awissu 2002 u d-digriet tal-Qorti tas-16 t’Awissu 2002 fejn cahdet l-ewwel talba u laqghet l-ahhar talba u estendiet it-terminu ghan-nota ta’ osservazzjonijiet b’20 gurnata.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

### (A) <u>PRELIMINARI.</u>

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti tikkonferma dak li gie deciz minnha fil-provvediment taghha tas-16 ta’ Awissu 2002 u l-Qorti tirrileva ulterjorment li l-konvenut kien gie effettivament notifikat fid-9 ta’ Awissu 1999, u l-konvenut kien residenti fil-Fundazzjoni Suret il-Bniedem biss mit-22 ta’ Jannar 2001 il-quddiem, kien Mount Carmel Hospital biss mis-27 ta’ Frar 2001 u f’perjodi wara dik id-data, kien *Detox Out Patient* minn Gunju 2000 sa April 2001, u ghalhekk l-istess dati ma jirreferu bl-ebda mod ghad-data tan-notifika tac-citazzjoni attrici, u dan apparti li l-konvenut kien gie notifikat bir-rikors tal-attrici tad-9 ta’ Ottubru 1998, skond riferta posittiva datata 19 ta’ Ottubru 1998, u ghas-smiegh tal-istess rikors fil-5 ta’ April 1999 u wkoll notifikat fil-25 ta’ Mejju 1999 u xorta l-konvenut ma ghamel xejn f’din il-kawza u lanqas fir-rikorsi kollha prezentati. Fil-fatt baqa’ lanqas ipprezenta nota ta’ osservazzjonijiet skond id-Digriet moghti minn din il-Qorti fis-16 ta’ Awissu 2002.

**(B) PROVI PRODOTTI.**

Illi mill-bqija din hija kawza ta’ separazzjoni fejn l-attrici qed tibbaza t-talba taghha skond dak provdut fl-**artikolu 40 tal-Kap 16.** Mill-provi prodotti jidher li din l-ewwel talba attrici hija gustifikata peress jidher li l-attrici kienet tahdem u l-konvenut hadem biss sakemm kellhom l-ewwel tarbija, fil-waqt li l-konvenut kellu il-vizzju tal-loghob u anke ssellef flus fuq diversi pretesti fittizji, nkluz mill-Bank sabiex jkun jista’ jilghab, u anke biegh id-deheb taghha. Kienet ipprezentat l-ewwel rikors ghas-separazzjoni minnu fis-Sekond’Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta’ Ottubru 1994, u wara sforzi minnha bit-tama’ li l-konvenut jinbidel regghet procediet il-Qorti fit-13 ta’ Novembru 1997.

Illi meta dahlet lura d-dar b’Digriet ta’ din il-Qorti hija sabet li kellha id-dawl u ilma u s-servizz tat-telefon maqtugh, u kellha thallas nofs l-ispejjez tal-istess sabiex l-istess servizzi regghu gew installati. Irceviet mandat ta’ zgumbrament mill-Qorti tal-Magistrati fuq l-istess dar konsegwenti ghall-sentenza mill-istess Qorti fejn sabet li l-konvenut kien iffirma ghaliha, u ghalhekk b’hekk qatt ma kienet taf b’din il-kawza u fl-20 ta’ Awissu 2000 kitbet lis-Segretarju tal-Awtorita’ tad-Djar fejn informatu li kienet

ghaddejja bi proceduri ta' separazzjoni kontra zewgha. Sostniet ukoll li zewgha kellu problema bid-droga ghalkemm qabel iz-zwieg kien ghamel programm ta' rijabilitazzjoni mid-droga, apparti li kien il-habs fuq frodi.

Illi apparti dan l-istess attrici rrakkontat diversi incidenti ta' vjolenza li gew perpetrati mill-konvenut fuqha u b'hekk kienet kostretta li wkoll tohrog mid-dar konjugali.

Illi mix-xhieda ta' Dr. Joseph Saliba jirrizulta li l-konvenut kien rikoverat fl-Isptar Monte Carmeli fis-27 ta' Frar 2001 sal-31 ta' Marzu 2001 u fit-13 ta' Lulju 1998 sal-11 ta' Dicembru 1989 ghall-problemi relatati mad-droga u *depressjoni* u ghaliex kien *homeless.* Illi skond l-istess xhud fil-31 ta' Marzu 2001 l-istess konvenut inqabad jiehu d-droga l-Isptar u kien *discharged* f'idejn il-Pulizija P.S. 957. Jidher li mar f'Dar l-Impenn pero' ma jidhirx skond dan ix-xhud li l-konvenut segwa programm ta' rijabilitazzjoni.

**(C) <u>APPREZZAMENT TA' PROVI.</u>**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta bla ebda dubju kwalunkwe li l-ewwel talba attrici ghall-pronunzjament ta' separazzjoni ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 40 tal-Kap 16** ghandhom jigu milqugha stante li jidher li l-konvenut kellu diversi vizzji, inkluzi dik ta' droga u tal-loghob, li sfortunatament harbet iz-zwieg bejn il-kontendenti u mhux biss izda l-attrici soffriet diversi atti ta' vjolenza domestika fuqha minhabba l-attitudini ta' zewgha lejha, apparti li kienet kostretta tahdem ghaliex l-flus li kien jaqla' zewgha kienu destinati ghall-loghob, fejn anke ssellef flus fuq diversi pretesti, nkluz invenzjoni tieghu li kellu t-tifla marida, sabiex il-bank jaghtih il-flus, li minflok uzahom ghall-vizzju tal-loghob.

Illi fil-fatt *pendente lite* din il-Qorti b'Digriet taghha datat 15 ta' Lulju 1999 kienet iddecidiet li l-attrici w uliedha ghandhom jghixu b'esklussjoni ta' zewgha u missierhom fid-dar konjugali Blokk C, Flat 2, Binja l-Isperanza taz-Zokrija, Mosta u dan bhala difiza wkoll ghall-attrici u

uliedha mill-vjolenza tal-konvenut ipperpetrata minnu kontra taghha.

Illi minn dan isegwi wkoll li l-kura u l-kustodja ta’ ulied il-kontendenti ghandhom jibqghu f’idejn l-attrici, u dan bla ebda access mill-istess konvenut, li jidher mill-provi li lanqas biss fittixhom u wisq anqas mantniehom nonostante digrieti tal-Qorti.

Illi bhal ma qalet din il-Qorti fis-sentenza taghha **“Sandra Farrugia vs Mario Farrugia”** (P.A. (RCP) 31 ta’ Ottubru 2002) sabiex tigi kkunsidrata talba sabiex tali access mill-konvenut jkun jista’ jigi kkunsidrat fil-futur, anke jekk ikun taht supervizzjoni, l-konvenut irid jaghmel il-prova li huwa segwa b’success il-programm ta’ rijabilitazzjoni tad-droga, u wkoll li jipprova li medikament huwa helles minn dan il-vizzju, u wkoll li qed verament jirriforma ruhhu, u wkoll isegwi programm li jista’ jghinu sabiex jehles mill-vizzju tal-loghob li jidher li wasslu ghall-istat li huwa fih illum, u fl-ahharnett ghandu juri li qed jaghmel dak kollu li jista’ jaghmel sabiex jghix hajja normali, b’kondotta nadifa, b’impjieg dicenti u legali sabiex ikun jista’ jghin u jattwa l-obbligu tieghu li jmantni lill-uliedu, haga li sallum jidher li ftit jew xejn huwa ghamel.

Illi fic-cirkostanzi l-Qorti tordna lill-konvenut wkoll li hlief ghall-premess ma ghandux ikollu access ghall-istess ulied, u taht l-ebda cirkostanza ma ghandu jersaq lejn id-dar konjugali u fejn kull post jew lok iehor fejn tkun martu u uliedu, inkluz l-iskejjel li jiffrekwentaw l-istess ulied u din il-Qorti tordna lill-attrici sabiex tinnotifika din id-decizjoni lill-Kummissarju tal-Pulizija personalment, u lill-Kapi rispettivi tal-Iskejjel jew facilitajiet edukattivi u rekrejattivi fejn l-istess ulied jiffrekwentaw.

Illi dwar it-talba ghall-manteniment tal-istess attrici w ulied, din il-Qorti ma tistax f’dan l-istadju tilqa’ din it-talba fl-ewwel u fil-konfront tal-attrici ghaliex hija ddikjarat li tahdem u ghalhekk ghandha introjtu ghaliha u rigward l-ulied stante li mill-provi prodotti quddiem din il-Qorti ma jidhirx li l-konvenut ghandu xi impjieg jew xi introjtu li bih jista’ jmantni lill-uliedu. Jibqa’ dejjem impregudikat id-dritt

tal-attrici *proprio et nomine* li tvanta tali talba jew talbiet jekk jirrizulta li l-istess konvenut ottjena xi forma ta' impjieg dicenti, filwaqt li din il-Qorti tosserva li huwa fl-interess tal-istess konvenut li jottjeni tali impjieg bil-mezzi tieghu possibbli, u anke in vista tal-obbligu impost fuqhu mill-ligi li jmanti wkoll lill-uliedu, fl-interess tal-istess minuri.

Illi jekk il-konvenut jiehux din l-opportunita' jew le tiddeppendi minnu, u l-Qorti tawgura li l-konvenut, jekk vera jhobb lill-uliedu jipprova jahseb naqra fihom, u x'jista' jaghmel fl-interess u ghall-gid taghhom, anke biex jghin sabiex l-izbalji li forsi kkometta huwa, l-ulied jibqghu il-boghod hafna minnhom. Il-progress ta' din ir-relazzjoni anke bejn l-konvenut u uliedu jiddependi ghalhekk unikament fuq il-komportament tal-istess konvenut, u huwa biss ghandu kontroll fuq l-istess, b'dan li l-Qorti hija certa, li jekk l-konvenut jfittex l-ghajnuna li jhoss li ghandu bzonn, huwa jkun jista' jimmeljora s-sitwazzjoni tieghu, u ghalhekk dik ta' uliedu wkoll.

Illi dwar ir-raba' talba din il-Qorti filwaqt li tikkonferma d-digriet taghha tal-15 ta' Lulju 1999 u tirreferi ghall-konkluzjonijiet u l-premessi hemm raggunti li ghadhom japplikaw sallum, thoss li fic-cirkostanzi ma ghandhiex triq ohra hlief li tilqa' din it-talba attrici abbazi tal-**artikolu 55A tal-Kodici Civili.**

Illi similarjament u minhabba l-komportament ghal kollox negattiv tal-konvenut verso martu u uliedu, s-sitt (6) talba attrici ghandha wkoll tigi milqugha b'dan li d-disposizzjonijiet tal-**artikoli 40, 48, u 51** ghandhom jigu applikati kollha fil-konfront tal-istess konfront tal-istess konvenut inkluz dak specifikatament indikat fl-**artikolu 48 (1) (a) (b) (c) u (d)** bl-applikazzjoni tal-**artikolu 48 (2) tal-Kap 16.**

Illi in vista' ta' dan din il-Qorti tasal biex tikkunsidra l-hames (5) talba attrici u tiddikjara xolta l-kommunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet b'effett mit-8 ta' Awissu 1998, u mill-ftit provi prodotti dwar il-kaz jirrizulta li d-dar konjugali tal-kontendenti, giet akkwistata minnhom fuq konvenju, w in vista tal-fatt li jidher li l-konvenut ftit ikkontribwixxa ghall-

istess minhabba l-vizzijiet li kellu nkluz dak tal-loghob, u in vista tal-fatt li l-attrici meta regghet dahlet fid-dar kellha tibni kwazi kollox mill-gdid, inkluz is-servizzi li regghet dahlet fl-istess dar, tenut kont ta’ dak gja fuq deciz u wkoll li l-konvenut ma ippretesta l-ebda manteniment lill-attrici u ftit lill-uliedu, din il-Qorti thoss li tali dar konjugali u d-drittijiet talvolta li l-istess kontendenti kellhom u jista’ ghad ghandhom fuqha, ghandhom jigu assenjati lill-attrici flimkien mal-mobbli li hemm fl-istess dar, anke ghaliex jidher li mill-provi l-maggoranza tal-istess gew akkwistati mill-frott tal-impjieg tal-istess attrici jekk mhux esklussivament frott taghha. Ovvjament kull dejn inkors mill-istess konvenut sabiex jalimenta l-vizzju tieghu tal-loghob, u kull dejn li hemm fuq is-servizzi tal-istess dar, li qabel regghet giet okkupata mill-attrici hija hallset in-nofs taghhom, ghandhom jibqghu a karigu tal-istess konvenut.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, **tilqa’ t-talbiet attrici** biss fis-sens hawn fuq indikat u kif hawn isfel premess u cjoe’:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali *ad mensa et thoro* bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet imputabbli ghall-konvenut minhabba li huwa rrenda ruhhu hati verso l-attrici ta’ swat, sevizzi, eccessi, w ingurji gravi u inkompatibilita’ ta’ karattru b’rizultat li rrenda l-hajja konjugali ta’ bejniethom impossibbli.

2. Tafda il-kura u l-kustodja ta' uliedhom Abigail u Anthea f’idejn l-attrici ghall-ahjar interess tal-minuri bla ebda access min-naha tal-konvenut ghall-istess uliedu u s-sitwazzjoni ghandha tibqa’ hekk u tali talba eventwali ghall-access mill-konvenut ghandha tigi kkunsidrata biss positivament fil-futur, u anke jekk dan ikun taht supervizzjoni, jekk il-konvenut jaghmel il-prova li huwa segwa b’success l-programm ta’ rijabilitazzjoni tad-droga, u wkoll li jipprova li medikament huwa heles minn dan il-vizzju, u wkoll li qed verament jirriforma ruhhu, u wkoll isegwi programm li jista’ jghinu sabiex jehles mill-vizzju tal-loghob li jidher li wasslu ghall-istat li huwa fih illum, u fl-

ahharnett ghandu juri li qed jaghmel dak kollu li jista' jaghmel sabiex jghix hajja normali, b'kondotta nadifa, b'impjieg dicenti u legali sabiex ikun jista' jghin u jattwa l-obbligu tieghu li jmantni lill-uliedu, haga li sallum jidher li ftit jew xejn huwa ghamel.

Illi l-Qorti tordna wkoll li l-konvenut taht l-ebda cirkostanza ma ghandu jersaq lejn id-dar konjugali u fejn kull post jew lok iehor fejn tkun martu w uliedu, inkluz l-iskejjel li jiffrekwentaw l-istess ulied u din il-Qorti tordna lill-attrici sabiex tinnotifika din id-decizjoni lill-Kummissarju tal-Pulizija personalment, u lill-Kapi rispettivi tal-Iskejjel jew facilitajiet edukattivi u rekrejattivi li l-istess ulied jiffrekwentaw.

3. Tichad f'dan l-istadju t-tielet talba attrici stante li l-attrici ghandha impjieg u kapaci tmantni lilha innifisha bl-istess introjtu u rigward il-manteniment ta' l-ulied, ghalkemm din il-Qorti tiddikjara li l-konvenut huwa obbligat li jmantni lill-uliedu, ma ingabux provi li l-konvenut ghandu llum impjieg, salv id-dritt kemm tal-attrici f'isimha proprju u ghall-uliedha sabiex tipprocedi kontra l-konvenut ghall-hlas tal-istess alimenti jekk jirrizulta li l-istess konvenut ghandu impjieg u introjtu li minnu jkun jista' jithallas tali manteniment kollox skond il-ligi.

4. Tordna li d-dar konjugali tal-kontendenti Flat Numru 2, Blokk C, Binja Ta' l-Isperanza, Ta' Zokrija, Mosta ghandha tigi okkupata esklussivament minn l-attrici w ulied il-kontendenti bhala d-dar ta' abitazzjoni taghhom a tenur ta' **artikolu 55A tal-Kodici Civili,** bl-esklussjoni tal-konvenut.

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-kontendenti b'effett mit-8 ta' Awissu 1998, u in vista ta' dak kollu fuq premess u deciz u inkluz bl-applikazzjoni tal-**artikolu 48 (1) (c) tal-Kap 16 u tal-artikolu 54 (6) tal-Kap 16** tordna li tali dar konjugali, Flat Numru 2, Blokk C, Binja Ta' l-Isperanza, Ta' Zokrija, Mosta u d-drittijiet talvolta li l-istess kontendenti kellhom u jista' ghad ghandhom fuqha, ghandhom jigu assenjati lill-attrici flimkien mal-mobbli kollha li hemm fl-istess dar, anke

ghaliex jidher li mill-provi l-maggoranza tal-istess gew akkwistati mill-frott tal-impjieg tal-istess attrici jekk mhux esklussivament frott taghha, b'dan ghalhekk li kull interess li l-istess konvenut setgha kellu jew kien ghad baqghalu fl-istess dar u mobbli, qed jigu b'effett ta' din is-sentenza trasferiti kollha lill-attrici. Min-naha l-ohra, u anke minhabba dak fuq deciz kull dejn inkors mill-istess konvenut sabiex jalimenta l-vizzju tieghu tal-loghob, u kull dejn li hemm fuq is-servizzi tal-istess dar, li qabel regghet giet okkupata mill-attrici hija hallset n-nofs taghhom, ghandhom jibqghu a karigu tal-istess konvenut.

6. Tapplika kontra l-konvenut id-disposizzjonijiet tal-**artikoli 40, 48, u 51 tal-Kodici Civili** u dan b'applikazzjoni partikolari ghal dak provdut fl-**artikolu 48 (1) (a) (b) (c) u (d) u 48 (2) tal-Kap 16** u wkoll li tigi moghtija lill-istess attrici l-pjena amministrazzjoni tal-beni taghha;

7. Tordna ukoll illi l-attrici tiehu l-kunjom taghha ta' xebba biex b'hekk isir l-annotament mehtieg fir-Registru Pubbliku biex minn *"Marsala"* kunjomha jsir *"Micallef".*

Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-proceduri tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili u tar-rikorsi u Digrieti kollha *pendente lite* kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**3 ta' Dicembru 2002**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**3 ta' Dicembru 2002**